# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 493

**Kaz Nru. 365**

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol
bejn
Raymond Camilleri
u
J & C Pisani Ltd.
dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data: 22 ta' April, 1993

**Chairman: Is-Sur Carmel Debono**

Dan il-kaz kien gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tax-xoghol permezz ta' ittra datata 1-4 ta' Marzu, 1985. Ref. MLSS/4/84/34 skond il-provvedimenti ta' l-Att XXX tal-1976 Sezzjoni 28(2) dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali.

Fl-ewwel seduta taht Chairman divers mizmuma t-Tnejn 9 ta' Dicembru, 1985, il-kaz kien gie aggornat ghar-raguni li kienu ttiehdu passi ulterjuri f'Qorti ohra dwar "Notice" money.

Il-kaz rega' gie appuntat u rrikonvenut biex jitkompla jinstema' nhar l-Erbgha 3 ta' Marzu, 1993.

Peress li fit-tieni seduta mizmuma nhar it-Tlieta 22 ta' April 1993, il-parti appellanti nfurmat lit-Tribunal li kienet qed

tirtira l-kaz in vista ta' l-iskrittura datata 8 ta' Jannar, 1993 fuq il-firma ta' l-Avukati taz-zewg partijiet, it-Tribunal jiddikjara li ma hemmx lok ta' proceduri ulterjuri u ghalhekk ma jiehux izjed konjizzjoni tal-kaz.

Carmel Debono
**CHAIRMAN**

Edwin Spiteri
**SEGRETARJU**

**mrg**

**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DECIZJONI NRU. 492**

**KAZ NRU. 713**

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

John Vassallo

u

Domestica Ltd.
kif rapprezentata mis-
Sur Leo Vassallo Cesareo

dwar tkeccija mill-impjieg
allegata li hi ngusta

Data: 14 ta' April, 1993

**Chairman: Is-Sur Carmel Debono**

Peress li wara r-raba' seduta it-Tribunal gie nfurmat li l-kaz gie miftiehem, it-Tribunal jiddikjara li ma' hemmx lok ta' proceduri ulterjuri u ghalhekk ma jiehux izjed konjizzjoni tal-kaz.

Carmel Debono
CHAIRMAN

Edwin Spiteri
SEGRETARJU

mrg

**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DECIZJONI NRU. 491**

| | |
|---|---|
| **Kaz Nru. 613** | Fil-Kwistjoni tax-Xoghol<br>bejn<br>Christopher Cassar<br>u<br>Bacchus Co. Ltd.<br>kif rapprezentata mis-<br>Sur Mario Vella Gatt<br>dwar tkeccija mill-impjieg<br>allegata li hi ngusta |
| | Data: 15 ta' April, 1993 |

**Chairman: Is-Sur Anthony Farrugia L.P.**

## I. PRELIMINARI

Dan il-Kaz gie riferit lil dan it-Tribunal mill-Ministru tal-Politika Socjali permezz ta' ittra li ggib id-data hamsa u ghoxrin (25) ta' Gunju, 1991 biex jigi deciz skond is-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 28 tal-Kapitolu 266 tal-Ligijiet.

It-Tribunal, wara li kkunsidra l-Istqarrijiet tal-Kaz taz-zewg (2) partijiet, il-provi kollha prodotti u s-sottomissjonijiet ta' l-istess partijiet, wasal ghad-dicizjoni tieghu kif sejjer jinghad.

## II. STQARRIJIET TAL-KAZ

Christopher Cassar, il-quddiem jissejjah l-appellant, fl-Istqarrijja tal-Kaz tieghu, inter alia, issottometta illi:

a) hu kien impjegat bhala "barman" mal-Bacchus Co. Ltd., il-quddiem tissejjah il-Kumpanija, ghall-ahhar tnax il-sena izda fil-fatt hu kien qed jokkupa l-kariga ta' "catering manager";

b) hu dejjem qeda d-dmirijiet tieghu fl-ahjar interess tal-Kumpanija tant li ghal perjodu twil immedjatament qabel it-tkeccijja mill-impjieg tieghu, oltre d-dmirijiet tieghu, hu kien kostrett jahdem anke fil-kcina;

c) fid-9 ta' Marzu, 1991 is-Sur Mario Vella Gatt xtara l-isthma ta' l-uniku direttur iehor u b'hekk assuma l-kontroll esklussiv u effettiv tal-Kumpanija;

d) qabel din id-data l-istess Sur Mario Vella Gatt qatt ma' lmenta ma' l-appellant li l-istess appellant kien responsabbli ghal xi telf li setghet irregistrat il-Kumpanija jew ghal xi rresponsabilta' fit-tmexxija ta' l-istess Kumpanija;

e) b'ittra ta' l-14 ta' Marzu, 1991 l-istess Sur Mario Vella Gatt akkuza lill-appellant b'diversi nuqqasijiet fosthom telf fil-qliegh tal-Kumpanija, "mismanagement", diskrepanzi fl-"istocks" u nuqqas iehor li sata' gieb lill-Kumpanija f'inkwiet kbir ma' l-Awtorita';

f) b'risposta tal-21 ta' Marzu, 1991, permezz tal-konsulent legali tieghu, l-appellant cahad dawn l-allegazzjonijiet u

g) b'ittra ohra tat-30 ta' Marzu, 1991 l-appellant gie infurmat li l-impjieg tieghu mal-Kumpanija gie terminat.

.../3

Is-Sur Mario Vella Gatt, ghan-nom tal-Kumpanija, biex jiggustifika t-tkeccijja ta' l-appellant mill-impjieg, inter alia, issottometta:

a) l-appellant inizjalment kien assenjat fil-Bacchus Restaurant, Mdina u, kollox ma' kollox, il-"performance" tieghu kienet wahda soddisfacenti ghal dak li jirrigwarda s-sostanza ta' l-impjieg tieghu;

b) ghal dak li jirrigwarda l-attitudini generali, l-appellant kien konsistentement jasal tard fuq il-post tax-xoghol u kien jittardja ferm fl-eghluq tar-restorant bi spejjez zejda ghal-Kumpanija;

c) fil-bidu tas-sena 1988 l-appellant inghata l-inkarigu li jienu hsieb ir-restorant Bacchus II f'San Giljan li kien intiz biex joffri ikel specjalizzat lill-klientela;

d) ghall-ewwel, il-Bacchus II mar tajjeb izda wara dan l-ewwel perjodu l-attitudini u l-kwalita' tax-xoghol ta' l-appellant bdew jihzienu progressivament u dan wassal ghal rizultati negattivi u f' andament hazin;

e) l-appellant ma' kien juri ebda rispett la lejn il-"management" u l-anqas lejn shabu fuq ix-xoghol u u b'hekk tilef il-kunfidenza taghhom ilkoll;

f) il-"complaints" mill-klijenti bdew jizdiedu u x-xoghol naqas b'rata allarmanti u t-"turnover" naqas b'cirka 30% ammontanti ghal cirka Lm20,000;

.../4

g) ir-rizultat ta' "stock taking" li sar f'Marzu 1991 wera tnaqqis inspjegabbli fl-"istocks" ghal liema tnaqqis ma' kien hemm ebda "record" u ma' inghatat ebda spjegazzjoni u

h) nqalghat kwistjoni serja u importantissima li setghat importat proceduri u pieni ta' natura kriminali kontra l-Kumpanija.

III. **KONSIDERAZZJONIJIET**

Dan hu Kaz li meta gie biex jiddecidih it-Tribunal zamm quddiem ghajnejh zewg principji fondamentali li dejjem gew imharsa mill-istess Tribunal, cioe':

a. minn jallega jrid jipprova u

b. it-tkeccijja mill-impjieg hi decizjoni l-aktar drastika li wiehed ghandu jehodha bhala l-ahhar mezz biex isolvi kwistjoni tax-Xoghol.

Il-Kumpanija, biex issostni l-agir taghha, cioe' it-tkeccijja ta' l-appellant mill-impjieg li kellu ma' l-istess Kumpanija, allegat diversi nuqqasijiet da parti ta' l-istess appellant u ghalhekk il-piz tal-prova jaqa' kollu u biss fuqha.

Il-Kumpanija allegat li l-appellant, li kien responsabbli ghat-tmexxijja tar-restorant Bacchus II f'San Giljan minn fejn tkecca, f'hafna okkazjonijiet dam ma' fetah l-istess restorant u b'hekk ikkawza telf ta' xoghol ghall-istess Kumpanija.

L-appellant ma' cahadx din l-allegazzjoni izda spjega li, peress li l-impjegat jew impjegati li xogholhom kien it-tindif tal-post, gie li wasal jew waslu tard fuq l-istess post tax-xoghol ma' deherlux li kien ikun fl-interess kemm

tal-Kumpanija kif ukoll tal-klijenti li jhalli jsir tindif waqt li dawn l-istess klijenti jkunu fir-restorant; ghalhekk hu dejjem ghazel, fic-cirkostanzi, li jiftah il-post wara li dan ikun nadif bizzejjed biex jilqa' l-klijenti.

Allegazzjonijiet ohra kienu t-telf ta' klijenti u nuqqas ta' xoghol kawzati bit-traskuragni ta' l-appellant; biex issostnihom, ma' l-Istqarrijja tal-Kaz taghha, il-Kumpanija esibit ittra datata 15 ta' Mejju 1990, li giet markata Dok. "H", ta' klijent regolari, Kenneth Attard, li fiha wera d-decizjoni tieghu li ma' jmurx aktar u lanqas jiehu lill-familja tieghu fir-restorant a kawza tal-mod hazin li bih kien gie trattat fil-gurnata dedikata ghall-ommijiet, il-"Mothers Day", meta kien ha lil ommu biex flimkien jiccelebraw l-istess jum.

L-istess klijent ikkonferma bil-gurament il-kontenut ta' l-istess ittra kemm permezz ta' "affidavit" kif ukoll waqt is-seduta tal-21 ta' Marzu, 1992.

L-appellant spjega li f'dik il-gurnata partikolari kellhom nies ghall-ikel hafna aktar milli hasbu u n-numru limitat ta' impjegati ma' kienx bizzejjed biex ilahhaq max-xoghol; hu talab zieda ta' "waiters" mir-restorant ta' l-Imdina izda din iz-zieda ma' ngoghatitx ghaliex, skond is-Sur Mario Vella Gatt, fir-restorant ta' l-Imdina wkoll kienu qed jahdmu wkoll b'numru ta' "waiters" li kien qed jirrizulta li ma' kienx bizzejjed biex ilahhaq man-numru ta' klijenti li kellhom.

Fl-istess ittra, l-imsemmi klijent, a rigward is-servizz li kien imdorri jircievi fl-istess restorant, ikkommenta testwalment:

> "....a memorable lunch which we are accustomed to at your restaurant."

.../6

Oltre dan, waqt l-imsemmija seduta, dan l-istess klijent xehed testwalment:

> "....qabel dik l-okkazjoni ma' kellix ghalfejn nikkomplejnja" (fol. 21) u
>
> "....sal-gurnata msemmija fl-ittra, is-servizz minn dejjem kien tajjeb u s-Sur Cassar (l-appellant) dejjem qdiena tajjeb." (fol. 22)

Dan kollu ma' jfissirx ghajr li l-imsemmi trattament hazin kien kaz sporadiku u sar f'cirkostanzi anormali li fuqhom l-appellant zgur li ma' kellux kontroll.

F'certu sens dan gie konfermat mix-xhud George Mifsud, klijent regolari iehor, li, waqt is-seduta ta' l-1 ta' April, 1992, xehed testwalment:

> "Mont nigi servut tajjeb, ikel tajjeb" (fol. 2)
> "Jiena kull meta mort dejjem hu qdieni, Mr. Cassar (l-appellant) jekk m'hux sejjer zball" (fol. 2) u
>
> "Jiena naqseb il-meritu ta' min jiehu hsieb il-klijenti. F'dak il-kaz huwa Chris Vella, hux hekk, Chris Cassar, ghax konna nsibuh b'ismu u m'hux b'kunjomu." (fol. 3).

Biex issostni l-allegazzjoni ta' tnaqqis fix-xoghol minhabba t-traskuragni ta' l-appellant, il-Kumpanija pproducit biss xhud lil Michael Scerri, awditur, li kien jaghmel l-"audit" tal-Kumpanija u li, waqt is-seduta tal-21 ta' Marzu, 1992, fuq domanda diretta wiegeb testwalment:

> "Ma' nistax nghid li Chris (l-appellant) kien il-persuna.....ma' nistax nghid li persuna wahda kienet il-kagun li l-Kumpanija kienet hazina. Le zgur ma' nistax nghid li persuna wahda kienet il-kagun li l-Kumpanija kienet hazin. Il-Kumpanija hi maghmula mill lokal fejn qieghed, mill-"istaff" li ghandhom, mill-"management" li ghandek u kif qed tipprezenta l-affarijiet". (fol. 11).

L-allegazzjoni li l-appellant kien joffri "drinks" b'xejn lil hbiebu ma' gietx ipprovata ghas-sodisfazzjon ta' dan it-Tribunal ghar-raguni li kien hemm verzjonijiet differenti fid-depozizzjonijiet tad-diversi xhieda li xehdu fuq din l-allegazzjoni.

Il-Kumpanija allegat nuqqas iehor da parti ta' l-appellant, nuqqas li seta' gieb lill-istess Kumpanija f'inkwiet kbir ma' l-Awtorita'.

L-appellant spjega li l-mod li bih hu agixxa kien ezattament simili ghal dak li bih agixxa ripetutament l-istess Sur Mario Vella Gatt f'okkazzjonijiet ohra tant li hu - l-appellant - ghal dan l-agir tieghu, ma' rcieva lanqas l-icken osservazzjoni wisq anqas xi forma ta' twissijja; barra minn dan lil-Kupanija ma' rrizulta li nholqilha ebda nkwiet ma' l-Awtorita' b'dan l-istess agir ta' l-appellant.

Id-dokumenti li bihom il-Kumpanija riedet tipprova din l-allegazzjoni, minkejja li kienu nkluzi fil-lista tad-dokumenti esebiti ma' l-"Istatement of Case" taghha u minkejja li fin-Nota ta' Osservazzjonijiet prezentata mill-Kumpanija fit-12 ta' Marzu, 1993 issottomettiet li "In sostenn u bhala prova ta' dan (l-imsemmijja allegazzjoni) l-esponenti (s-Sur Mario Vella Gatt ghan-nom tal-Kumpanija) esebixxa dokumenti relativi ghal-kazijiet li hu sar jaf bihom", dawn id-dokumenti qatt ma' gew esebiti.

.../8

L-allegazzjoni li wasslet ghat-tkeccijja ta' l-appellant kienet id-diskrepanza fl-"istock" li l-istess Sur Mario Vella Gatt sab meta ghamel "stock taking" ta' l-oggetti li jintuzaw fir-restorant.

Gie pruvat ghas-sodisfazzjon ta' dan it-Tribunal li l-imsemmi "stock taking" sar mill-istess Sur Mario Vella Gatt wahdu u mhux fil-prezenza ta' l-appellant li kien personalment responsabbli ghall-istess oggetti.

Apparti l-fatt li ma' gie b'ebda mod negat mill-Kumpanija li qatt qabel din l-ahhar "stock taking" ma' nstabu diskrepanzi, hu nkoncepibbli u fl-istess hin nuqqas ta' serjeta' li wiehed jaghmel "stock taking" mhux fil-prezenza tal-persuna responsabbli ghall-oggetti li jkunu qed jigu verifikati, wisq aktar meta, wara din il-verifika "segrieta" jigi allegat li nstabu xi nuqqasijiet fl-oggetti li jkunu gew verifikati.

It-Tribunal b'ebda mod m'hu sejjer jiggustifika t-tkeccijja mill-impjieg ta' impjegat fuq allegazzjonijiet ta' diversi nuqqasijiet li suppost saru matul perjodu twil ta' snin; dan b'mod partikolari jekk u meta saru dawn id-diversi allegati nuqqasijiet, il-Kumpanija qatt ma' derilha li kellha tiehu xi sura ta' passi dixxiplinari, kif fil-fatt qatt ma' hadet, ukoll, jekk ghal grazzja ta' l-argument, dawn l-allegati nuqqasijiet jew xi wahda jew uhud minnhom kienu ta' certa gravita'; wara certu zmien il-Kumpanija ggib il quddiem dawn l-allegati nuqqasijiet biex tiggustifika t-tkeccijja ta' l-istess impjegat meta dan jaghmel xi nuqqas ukoll jekk dan in-nuqqas ma' jkunx ta' gravita' tali li tkun tisthoqqlu tkeccijja.

Fil-fehma ta' dan it-Tribunal il-Kumpanija b'ebda mod ma' ippruvat li hi temmet l-impjieg ta' l-appellant ghal raguni "tajba" wisq anqas ghal raguni "tajba u bizzejjed" kif trid il-ligi, biex tigi ezonerata mill-konsegwenzi bhala rizultat ta' l-agir taghha.

.../9

IV. **KUMPENS**

It-Tribunal ma' jhossx li hu prattikabbli u fl-istess hin hu fl-interess taz-zewg partijiet li l-appellant jerga' jinghata lura l-impjieg li kellu mal-Kumpanija qabel ma' tkecca u ghalhekk l-istess appellant jist-hoqqlu kumpens li dan it-Tribunal qieghed jiffissa fis-somma ta' seba' mija u tmienja u erbghin liri Maltin (Lm743).

V. **DECIZJONI**

Ghar-ragunijiet premessi, dan it-Tribunal jiddeciedi dan il-Kaz billi, wara li jiddikjara li l-Kumpanija, cioe' il-Bacchus Co. Ltd., kif rappprezentata mis-Sur Mario Vella Gatt, itterminat l-impjieg ta' l-appellant, cioe' Christopher Cassar, m'hux ghal raguni "tajba u bizzejjed", jordna lill-istess Kumpanija li thallas lill-istess appellant bhala kumpens, is-somma ta' seba' mija u tmienja u erbghin liri Maltin (Lm743) f'zewg pagamenti, wiehed ta' erba' mija u tmienja u erbghin liri Maltin (Lm448) mhux aktar tard mill-15 ta' Mejju, 1993 u l-bilanc ta' tlett mitt liri Maltin (Lm300) ghandu jithallas mhux aktar tard mit-12 ta' Gunju, 1993.

Ghall-finijiet tar-Regolamenti ta' l-1986 dwar Dritt-tijiet li jithallsu (A.L.48 ta' l-1986) maghmula taht il-Kapitolu 266 tal-Ligijiet, it-Tribunal qieghed

jintaxxa, lil kull wiehed miz-zewg difensuri, d-drittijiet fis-somma ta' erbghin liri Maltin (Lm40).

B'hekk dan it-Tribunal itemm dan il-Kaz.

ANTHONY FARRUGIA
CHAIRMAN

Aldo Testone
SEGRETARJU

mrg